# BORMLA

Poeżija ta' ĠUŻE' CHETCUTI

*Niftakrek fl-aħjar tiegħek. Kont tarbija*
*meta, bent ċkejkna, rbatt ħajti ma' ħajtek,*
*u kbirt fi ħdanek. Bħal żagħżugħ li jqimek*
*imħabbti w qalbi tajtek.*

*Meta minn wara s-swar li jħaddnu lilek*
*kont nilmaħ, f'żifna ta' djamanti jibbru,*
*ix-xemx qed tfiġġ, u fuq id-djar u t-toroq*
*id-dawl jixterdu w jikbru,*

*kont nifraħ u nitgħaxxaq b'dak is-seħer,*
*b'dak il-ġmiel tal-ħolqien, tistħajlu nieżel*
*mis-sema għal fuqek biex jimlik bil-ħeġġa*
*u tqum, bħal ħaddiem bieżel,*

*ħa tmidd għonqok għax-xogħol. Tibda minn kmieni*
*tismagħha ġejja, l-għajta tal-bejjiegħa:*
*tgeġwiġ ta' kliem u agħa; bibien u twieqi*
*jitberrħu dik is-siegħa.*

*It-toroq li ħin qabel kienu ħiemda,*
*mistura f'raqda ta' mistrieħ u skiet,*
*bħalkieku l-mewt ġo dik is-saltna mdallma*
*ma' kullimkien għaddiet,*

*stenbħu mad-daqq tal-qniepen li f'leħenhom*
*tinħass is-sejħa għat-talb u għall-quddies:*
*u, jsabbtu l-bieb urajhom, lejn il-knisja*
*tilmaħhom sejra n-nies.*

*Minn erba' ħaràt bogħod tismagħha l-għajta*
*ta' bejjiegħ il-ħalib li jdur bieb bieb,*
*ibegħlek b'kemm trid int, u bik iqarraq*
*ma għandu ebda ħsieb.*

*Minn daru joħroġ il-ħaddiem biex jaqla'*
*bl-għaraq ta' ġbinu l-ħobża ta' kuljum,*
*jaħdem bla heda, jħabrek, jagħnet, jishar*
*sa jara x-xogħol mitmum.*

*Aktar ma jgħaddi l-ħin aktar il-ħajja*
*tikber fil-ħamba, l-bejgħ u x-xiri tagħha:*
*belt ta' tfuliti, hekk niftakrek jiena*
*mimlija b'riżq u saħħa.*

*Il-lum tbiddilt. Kull fejn il-ħarsa ndawwar*
*ma nsibx ħlief ħerba, u tiġrif u ħsara,*
*toroq u wisat sħaħ mill-qiegħ maħsuda:*
*dan, dan li kelli nara*

*minn dawk id-djar li taħt id-dawl tal-qamar*
*kienu joħolmu l-hena ta' l-imħabba;*
*jien kont nistħajjel dik il-għaxqa w seħer*
*ebda maħluq ma jtabba'.*

*'Ma kif għaddiet minn fuqek l-id tal-qerda,*
*u kull fejn misset għamlet frak u tħin,*
*id-djar tal-foqra ħalltet ma' tal-għonja*
*w ġarrfithom fuq xulxin.*

*U taħt dak it-tiġrif, taħt dik il-ħerba,*
*ħerba li tbikki w li ma ninsew qatt,*
*xtered id-demm ta' wliedek mingħajr ħtija,*
*w int imweġġgħa għajjatt,*

*għajjatt bħal gilpa mgħaddba b'qilla kbira,*
*għajjatt bħal tigra għat-telfa taż-żgħar tagħha,*
*w għalkemm b'sidrek miġruħ, fl-aqwa tal-ġlieda*
*urejt kull ħila w saħħa.*

*Aktarx f'dak it-tiġrif jinsab imnaqqax*
*it-tmiem ta' ġrajja ta' xi tnejn li nħabbu,*
*li raw fil-ħajja triq ta' ward u żahar*
*u ħolmu li se' jrabbu*

*familja mqaddsa f'dar minn Alla mbierka,*
*'ma sabu, mxejna, ħin bla waqt, tamithom,*
*u mgħaffġa l-oħla xewqa w l-akbar rieda*
*li twaħħdu ma' ħajjithom.*

*Jien naħseb li hemmhekk ukoll indifnet*
*ħesrem il-ħajja ta' xi omm żagħżugħa,*
*fl-aħħar tgħanniqa bintha mqabbda magħha,*
*mejta, bla lewn, sabuha.*

*U jien niftakar—qed narahom quddiemi?—*
*f'żgħażagħ fuq tagħhom, imkabbrin, imħeġġa.*
*Fejn marru l-lum? X'sar minnhom? F'leħħa għibu*
*kif, ħin bla waqt, tgħib vleġġa.*

*Imm'huma ma mitux, għaliex isimhom*
*jibqa' ħaj fostna, mogħni bl-ogħna ġieħ,*
*demmhom hu dan id-demm li jiġri f'qalbna*
*w li aħna ngħożżu sħiħ.*

*Meta fuq Malta—u fuq id-dinja kollha—*
*jisbaħ il-jum tar-rebħ u tal-ħelsien,*
*fil-ħaqq li jsir, qlubithom żgur titqiegħed*
*fil-keffa tal-miżien.*

*Belt ta' twelidi, l-lum imġarrfa, mfarrka,*
*jien ma nsejtekx. Is-snin li qattajt fik*
*fi ħsiebi qed jilmaw bħall-kwiekeb ħiemda*
*fis-sema li jħennik.*

*Għandi ġo ruħi xewqa waħda kbira,*
*narak fuq tiegħek tqum mill-ġdid ferrieħa,*
*u x-Xemx tas-Sliem li tfeġġ mis-sħab tal-gwerra*
*trodd fik ħajja sabiħa.*

8 - xii - 43.